IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.4.2013
SWD(2013) 148 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal
DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar miżuri li jiffaċilitaw l-eżerċizzju tad-drittijiet konferiti fuq ħaddiema fil-kuntest tal-moviment liberu tal-ħaddiema

{COM(2013) 236 final}
{SWD(2013) 149 final}

WERREJ

1. INTRODUZZJONI ... 3

2. KWISTJONIJIET PROĊEDURALI U KONSULTAZZJONIJIET MA' PARTIJIET INTERSSATI ... 3

3. DEFINIZZJONI TAL-PROBLEMA ... 4

3.1. Il-qagħda attwali ... 4

3.2. Il-problemi ... 4

3.2.1. Nuqqas ta' konformità tal-awtoritajiet pubbliċi mal-liġi tal-UE (leġiżlazzjoni mhux konformi jew applikazzjoni ħażina) u l-effett fuq il-ħaddiema migranti tal-UE ... 4

3.2.2. Impjegaturi u konsulenti legali li ma jkunux konformi mal-liġi tal-UE (ma jistgħux jew ma jridux japplikaw il-liġi tal-UE b'mod korrett) u l-effett fuq il-ħaddiema migranti tal-UE ... 4

3.2.3. Ħaddiema migranti tal-UE li ma għandhomx aċċess għal informazzjoni jew għal mezzi li jiżguraw id-drittijiet tagħhom ... 5

3.3. Il-kawżi u l-ixpruni ... 5

3.4. Min intlaqat u kif ... 5

3.5. Xenarju bażi u l-ħtieġa għal intervent ... 5

4. ANALIŻI TAS-SUSSIDJARJETÀ ... 6

5. L-GĦANIJIET POLITIĊI ... 6

6. L-GĦAŻLIET POLITIĊI ... 6

6.1. L-ebda azzjoni oħra fil-livell ta' UE (Xenarju bażi) ... 6

6.2. Dokumenti ta' gwida komuni ... 6

6.3. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istati Membri ... 7

6.4. Direttiva li tintroduċi miżuri ta' appoġġ għall-ħaddiema migranti tal-UE ... 7

6.5. Direttiva li tintroduċi protezzjoni aħjar għall-ħaddiema migranti tal-UE ... 7

7. ANALIŻI TAL-IMPATTI ... 7

7.1. Għażla 1: Xenarju Bażi ... 7

7.2. Għażla 2: Dokumenti ta' gwida komuni ... 8

7.3. Għażla 3: Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istati Membri ... 8

7.4. Għażla 4: Direttiva li tintroduċi miżuri ta' appoġġ ... 9

7.5. Għażla 5: Direttiva li tintroduċi protezzjoni aħjar ... 10

8. TQABBIL TAL-GĦAŻLIET ... 11

9. MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI ... 11

DOKUMENT TA’ ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal
DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar miżuri li jiffaċilitaw l-eżerċizzju tad-drittijiet konferiti fuq ħaddiema fil-kuntest tal-moviment liberu tal-ħaddiema

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

1. INTRODUZZJONI

Il-moviment liberu tal-ħaddiema huwa wieħed mill-erba' libertajiet li fuqhom jissejjes is-Suq Uniku, flimkien mal-moviment liberu tal-oġġetti, is-servizzi u l-kapital. Dan huwa minqux fl-Artikolu 45 tat-TFUE u ġie speċifikat fil-leġiżlazzjoni sekondarja permezz tar-Regolament Nru 492/2011 (li qabel kien ir-Regolament Nru 1612/68).

Dan ifisser li ċ-ċittadini tal-UE li jiċċaqilqu lejn Stat Membru ieħor għal skopijiet ta' impjieg għandhom id-dritt li ma jiġux diskriminati abbażi tan-nazzjonalità tagħhom fir-rigward ta': l-aċċess għall-impjiegi, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, l-aċċess għal vantaġġi soċjali u fiskali, is-sħubija fi trade unions, l-aċċess għat-taħriġ, l-aċċess għall-akkomodazzjoni u l-aċċess għall-edukazzjoni għat-tfal.

Din l-inizjattiva mhix maħsuba biex toħloq drittijiet ġodda għall-ħaddiema migranti tal-UE, iżda din twieġeb bosta tħassib espress minn bosta partijietdwar il-ħtieġa li jkun żgurat li d-drittijiet taċ-ċittadini Ewropej ikunu reali u li jitneħħa x-xkiel li jiltaqgħu miegħu meta jaqsmu l-fruntieri. Din taqbel sew mal-istrateġija Ewropa 2020 u mal-"Pakkett dwar l-impjiegi" li adottat il-Kummissjoni.

2. KWISTJONIJIET PROĊEDURALI U KONSULTAZZJONIJIET MA' PARTIJIET INTERESSATI

Tqiesu studji u rapporti li għamlu esperti fil-qasam tal-moviment liberu tal-ħaddiema, bħan-netwerk ta' esperti indipendenti li jappoġġa l-attivitajiet tad-DĠ għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni.

Saret konsultazzjoni pubblika bejn Ġunju u Awwissu tal-2011, li għaliha ġew mistiedna ċ-ċittadini u l-organizzazzjonijiet ħalli jagħtu l-opinjonijiet tagħhom dwar il-problemi ewlenin marbuta mal-mobbiltà tal-ħaddiema fl-UE, dwar il-livell attwali ta' protezzjoni mogħtija u dwar il-ħtieġa li l-UE taġixxi biex tgħin lill-ħaddiema jgawdu bis-sħiħ id-drittijiet tagħhom.

Il-kwistjoni ġiet diskussa fil-Kumitat Konsultattiv dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema, li huwa magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri u tas-sħab soċjali fuq livell nazzjonali kif ukoll fuq livell Ewropew.

3. DEFINIZZJONI TAL-PROBLEMA

3.1. Il-qagħda attwali

Il-moviment liberu tal-ħaddiema li ilu fis-seħħ għal iktar minn 40 sena huwa msejjes fuq drittijiet b'saħħithom u importanti. Il-Qorti tal-Ġustizzja tat gwida importanti dwar l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti.

Il-proċeduri ta' ksur huma mezz importanti biex ikun żgurat li jiġu applikati r-regoli. Dawn iwasslu għal tibdil fil-leġiżlazzjoni u l-prattiki ġenerali li ma jkunux konformi. Madankollu, ma jsolvux każijiet speċifiċi għall-individwi kkonċernati u ma jistgħux jintużaw f'kawżi li jinvolvu entitajiet privati.

B'differenza minn dak li jiġri fil-livell ta' UE f'oqsma oħra bħal diskriminazzjoni abbażi ta' razza, reliġjon, età u sess, il-ħaddiema migranti tal-UE li jsofru diskriminazzjoni abbażi ta' nazzjonalità ma għandhomx alternattiva ħlief li jistrieħu fuq l-azzjoni tal-Kummissjoni u jiftħu kawża quddiem il-qrati nazzjonali. Għalhekk il-miżuri eżistenti fil-livell ta' UE huma limitati fir-rigward ta' eżerċizzju effettiv tad-drittijiet ta' ħaddiema individwali.

Kull Stat Membru jiddeċiedi x'tip ta' appoġġ u protezzjoni għandu jingħata lill-ħaddiema migranti tal-UE skont is-sistemi legali tiegħu stess. Għalhekk l-appoġġ u l-protezzjoni jvarjaw bejn l-Istati Membri. Rapporti ta' esperti fil-qasam jissuġġerixxu li f'pajjiżi fejn in-nazzjonalità hija inkluża b'mod espliċitu fost ir-raġunijiet ipprojbiti ta' diskriminazzjoni, il-protezzjoni taċ-ċittadini tal-UE hija aktar b'saħħitha.

. Hemm aktar ħsieb għal aktar mobbiltà ġeografika bejn l-Istati Membri tal-UE: skont l-istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol fl-UE, fl-2011 kienu 3.1% biss taċ-ċittadini Ewropej fl-età tax-xogħol li marru jgħixu fi Stat Membru ieħor tal-UE li mhux dak tagħhom.

3.2. Il-problemi

Filwaqt li d-drittijiet relatati mal-moviment liberu tal-ħaddiema huma b'saħħithom, għadd ta' indikaturi juru li d-diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità sseħħ u li l-ħaddiema jsibuha diffiċli jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom fil-prattika. Ġew identifikati dawn il-problemi li ġejjin:

3.2.1. Nuqqas ta' konformità tal-awtoritajiet pubbliċi mal-liġi tal-UE (leġiżlazzjoni mhux konformi jew applikazzjoni ħażina) u l-effett fuq il-ħaddiema migranti tal-UE

Ir-regoli dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema ilhom fis-seħħ għal aktar minn 40 sena. Minkejja dan, fl-Istati Membri għad hemm problemi minħabba n-nuqqas ta' konformità tal-leġislazzjoni nazzjonali u l-prattiki ġenerali, u dawn għadhom jiġu rrappurtati lill-Kummissjoni. Dawn il-problemi jistgħu jħallu konsegwenzi negattivi severi fuq iċ-ċittadini tal-UE, peress li jistgħu jaffettwaw il-prospetti tagħhom li jkollhom impjieg, il-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom jew l-aċċess tagħhom għal vantaġġi soċjali, u jfixklulhom ħajjithom fuq livelli professjonali u personali. Dawn jaffettwaw ukoll l-integrazzjoni taċ-ċittadini tal-UE fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà tal-pajjiż ospitanti. Filwaqt li dawn il-problemi jistgħu jiġu indirizzati fil-livell ta' UE bi proċeduri ta' ksur, dan mhux se jkollu effett dirett fuq l-individwi konċernati.

3.2.2. Impjegaturi u konsulenti legali li ma jkunux konformi mal-liġi tal-UE (ma jistgħux jew ma jridux japplikaw il-liġi tal-UE b'mod korrett) u l-effett fuq il-ħaddiema mobbli tal-UE

Ġew irrapurtati każijiet fejn l-impjegaturi pubbliċi u privati ma rrispettawx ir-regoli tal-UE, irrispettivament minn jekk il-leġiżlazzjoni fil-livell nazzjonali hix korretta jew le. Informazzjoni li ġabru esperti u l-Kummissjoni tissuġġerixxi li din hija problema rikorrenti, għalkemm l-għarfien dwar problemi bħal dawn jiddependi ħafna fuq il-livell ta' pubbliċità li

jingħataw dawn il-każijiet. Il-problemi minħabba l-azzjoni li jieħdu l-impjegaturi privati ma jistgħux jiġu indirizzati fil-livell ta' UE bil-proċedura ta' ksur. Għaldaqstant iċ-ċittadini li jsofru diskriminazzjoni jistgħu jistrieħu biss fuq il-mekkaniżmi u l-mezzi disponibbli fil-livell nazzjonali. L-azzjonijiet tal-impjegaturi jistgħu jħallu konsegwenzi severi fuq il-qagħda personali tal-ħaddiema kkonċernati, ixekklu l-opportunitajiet tagħhom ta' impjieg u/jew jaffettwaw il-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom.

3.2.3. Ħaddiema migranti tal-UE li ma għandhomx aċċess għal informazzjoni jew għal mezzi li jiżguraw id-drittijiet tagħhom

Rispondenti differenti ta' bosta stħarriġiet qalu li ma jafux fejn għandhom jirrikorru meta jsibu problemi dwar id-drittijiet tal-UE tagħhom. Dan juri li m'hemmx punt ta' referenza ċar għaċ-ċittadini tal-UE. Issemma wkoll in-nuqqas ta' ċarezza dwar l-aħjar post minn fejn tinkiseb l-informazzjoni fuq id-drittijiet tal-UE. Din hija diffiċli wkoll għall-ħaddiema tal-UE li jkunu qed jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' moviment liberu, u dan minħabba bosta fatturi (fosthom li ma jkunux jafu l-proċeduri, ma jkunux jafu s-sistemi nazzjonali, u jkollhom nuqqas ta' ħiliet lingwistiċi), biex japprofittaw ruħhom mill-mezzi ta' protezzjoni disponibbli. Dan kien ikkonfermat b'dak li ħareġ mill-konsultazzjoni pubblika, fejn il-maġġoranza taċ-ċittadini ddikjarat li l-livell ta' protezzjoni li jingħataw il-ħaddiema jinfluwenza bil-qawwa d-deċiżjoni tagħhom li jmorru u jaħdmu fi Stat Membru ieħor. In-nuqqas ta' rieda biex tiġi rrappurtata diskriminazzjoni hija wkoll fattur importanti.

3.3. Il-kawżi u l-ixpruni

Ġew identifikati erba' xpruni ewlenin: (1) in-nuqqas ta' għarfien dwar id-drittijiet tal-ħaddiema tal-UE skont il-liġi tal-UE u nuqqas ta' għarfien dwar il-mezzi ta' rimedju disponibbli; (2) in-nuqqas ta' fehim tal-liġi tal-UE u n-nuqqas ta' ċertezza legali; (3) appoġġ mhux biżżejjed lill-ħaddiema migranti tal-UE biex ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom; (4) il-protezzjoniżmu u n-nuqqas ta' rieda li jikkonformaw.

3.4. Min jintlaqat u kif?

Il-problemi identifikati jaffettwaw liċ-ċittadini tal-UE li jiċċaqilqu lejn Stat Membru ieħor għal skopijiet ta' impjieg, inklużi dawk li qed ifittxu xogħol u ċ-ċittadini ta' Stat Membru partikolari li eżerċitaw id-dritt tagħhom ta' moviment liberu u reġgħu lura lejn l-Istat Membru tal-oriġini tagħhom biex jaħdmu.

Bħala medja, 67,9% taċ-ċittadini tal-UE fl-età tax-xogħol li jgħixu fi Stat Membru ieħor għandhom impjieg u 9,1% huma qiegħda. Għalhekk, teoretikament, f'xi waqt kollha jista' jkollhom problemi marbuta mal-applikazzjoni effettiva tad-drittijiet. Dawk iċ-ċittadini li fil-futur ikun beħsiebhom jiċċaqilqu (17%) jistgħu jkunu affettwati wkoll.

Il-problemi jistgħu jikkonċernaw lill-ħaddiema kollha tal-UE u lill-impjiegi u lis-setturi ta' attività kollha. Il-membri tal-familja jistgħu jintlaqtu wkoll peress li dawn għandhom ċerti drittijiet skont id-dispożizzjonijiet tal-UE.

L-impjegaturi u l-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jintlaqtu wkoll peress li infurzar aħjar tad-drittijiet tal-ħaddiema migranti jista' fisser li dawn iġarrbu l-ispejjeż.

3.5. Xenarju bażi u l-ħtieġa għal intervent

Fil-kuntest ekonomiku u soċjali attwali ma jistgħux jiġu esklużi aktar limitazzjonijiet fid-drittijiet tal-ħaddiema migranti tal-UE. Azzjonijiet speċifiċi identifikati madwar l-Ewropa u bosta stħarriġiet juru li hemm intolleranza dejjem akbar għall-ħaddiema migranti tal-UE, u din tista' tinbidel f'azzjonijiet diskriminatorji.

Wara t-tkabbiriet tal-2004 u l-2007, ħaddiema minn Stati Membri oħra qed jiltaqgħu ma' problemi ġodda tal-applikazzjoni tal-liġi tal-UE u dan jeħtieġ approċċ aktar pedagoġiku fil-qasam tal-moviment liberu.

Din l-inizjattiva tista' tgħin biex titħeġġeġ u titħeffef il-mobbiltà, peress li l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni abbażi ta' nazzjonalità se tibgħat sinjal pożittiv lil dawk li jixtiequ jaħdmu fi Stat Membru ieħor, u allura se jonqsu l-persuni bla ħeġġa li jimxu minħabba l-esperjenzi l-koroh jew minħabba li jkunu qed jistennew li se jiltaqgħu mal-problemi.

4. ANALIŻI TAS-SUSSIDJARJETÀ

L-Artikolu 46 tat-TFUE jistabbilixxi l-kompetenza tal-Unjoni biex toħroġ direttivi jew regolamenti li jistipulaw miżuri li huma meħtieġa għall-moviment liberu tal-ħaddiema, kif inhu definit fl-Artikolu 45 tat-TFUE.

B'din l-inizjattiva l-Istati Membri se jkunu jistgħu jadottaw miżuri xierqa ta' implimentazzjoni, u għalhekk jirrispettaw il-prinċipju tal-proporzjonalità. L-Istati Membri li diġà għandhom protezzjoni legali ddettaljata kontra d-diskriminazzjoni abbażi ta' nazzjonalità mhux se jkun jeħtiġilhom jagħmlu bidliet kbar fis-sistemi tagħhom.

Il-kisba tal-għanijiet ta' din l-inizjattiva tgħin biex jiġu kkonsolidati d-drittijiet fundamentali stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

5. L-GĦANIJIET POLITIĊI

Din l-inizjattiva hija marbuta mal-għan ġenerali li jkun żgurat li ċ-ċittadini tal-UE ikunu trattati b'mod ugwali. Dan huwa wieħed mill-valuri ċentrali tal-Unjoni Ewropea u parti kbira taċ-ċittadinanza tal-UE. Li jkun żgurat li jintlaħaq dan l-għan, jgħin biex is-suq intern jaħdem bla skossi.

Ġew identifikati dawn l-għanijiet speċifiċi li ġejjin:

– tonqos id-diskriminazzjoni tal-ħaddiema migranti tal-UE abbażi ta' nazzjonalità;

– tonqos id-differenza bejn id-drittijiet fuq il-karta u l-eżerċizzju tagħhom fil-prattika, u dan jgħin biex ssir implimentazzjoni korretta u sħiħa tal-leġiżlazzjoni eżistenti u bih is-suq intern ikun jista' jaħdem bla skossi.

Sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet politiċi, ġew identifikati l-għanijiet operattivi li ġejjin:

– jiżdied l-għarfien fost iċ-ċittadini, l-impjegaturi, l-awtoritajiet pubbliċi u partijiet interessati oħra dwar id-drittijiet tal-ħaddiema migranti tal-UE;

– titjieb iċ-ċertezza legali;

– jagħti l-għodod xierqa lill-ħaddiema tal-UE meta jiġu biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom.

6. L-GĦAŻLIET POLITIĊI

Ġew identifikati dawn l-għażliet li ġejjin:

6.1. L-ebda azzjoni oħra fil-livell ta' UE (Xenarju bażi)

6.2. Dokumenti ta' gwida komuni

Din l-għażla tiġi ffokata fuq l-adozzjoni ta' linji gwida komuni mill-Istati Membri u l-Kummissjoni sabiex ikun hemm approċċ komuni għall-applikazzjoni u l-interpretazzjoni tar-

regoli tal-UE dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema. Dan ikun kumplimentat mid-dokumenti ta' interpretazzjoni adottati mill-Kummissjoni.

6.3. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istati Membri

Din l-għażla għandha tikkonsisti mill-adozzjoni ta' rakkomandazzjoni ġenerali mill-Kummissjoni indirizzata lill-Istati Membri sabiex tħeġġiġhom jieħdu azzjoni ħalli:

– jiżdied l-għarfien dwar id-drittijiet tal-ħaddiema migranti tal-UE;

– jiżdied l-appoġġ mogħti lill-ħaddiema migranti tal-UE billi jintalab li jingħataw il-mezzi ta' rimedju, billi jitwaqqfu strutturi ta' appoġġ għall-ħaddiema migranti tal-UE, u billi l-assoċjazzjonijiet u l-organizzazzjonijiet jitħallew jieħdu azzjoni legali f'isem il-ħaddiema migrant tal-UE jew b'appoġġ għalihom.

6.4. Direttiva li tintroduċi miżuri ta' appoġġ għall-ħaddiema migranti tal-UE, b'mod partikolari:

- obbligu legali li lill-ħaddiema migranti tal-UE jingħatawlhom mezzi ta' rimedju;

- jitwaqqfu strutturi li jappoġġaw lill-ħaddiema migranti tal-UE. Dan ikun jinvolvi l-promozzjoni tad-drittijiet, l-għajnuna lill-ħaddiema migranti tal-UE bl-infurzar tad-drittijiet tagħhom, it-twettiq ta' stħarriġiet u rapporti u l-adozzjoni ta' rakkomandazzjonijiet;

- ikun żgurat li l-assoċjazzjonijiet, l-organizzazzjonijiet jew l-entitajiet legali li huma interessati jippromwovu d-dritt tal-moviment liberu tal-ħaddiema jistgħu jinvolvu ruħhom fi kwalunkwe proċedura amministrattiva jew ġudizzjarja f'isem il-ħaddiema migranti tal-UE jew b'appoġġ għalihom.

6.5. Direttiva li tintroduċi protezzjoni aħjar għall-ħaddiema migranti tal-UE

Minbarra l-elementi deskritti fl-għażla politika 4, din l-għażla tintroduċi:

- obbligu għall-impjegaturi biex jipprevenu d-diskriminazzjoni fl-impriżi tagħhom;

- miżuri li jimponu sanzjonijiet jew kumpens;

- dispożizzjoni legali bil-għan li tħares lill-ħaddiema migranti tal-UE minn kull trattament negattiv li jirriżulta għax ikun sar ilment.

7. ANALIŻI TAL-IMPATTI

Minn perspettiva ekonomika, ma kienx possibbli li jinstabu xi impatti ħlief dawk li naturalment se joħorġu mill-impatti soċjali mistennija u l-ispejjeż proprji għall-implimentazzjoni. It-tnaqqis tad-diskriminazzjoni abbażi ta' nazzjonalità fejn jidħlu l-impjiegi jista' jagħmel il-mobbiltà intra-UE aktar attraenti. Filwaqt li ż-żieda fil-mobbiltà taf ma tkunx sostanzjali, peress li d-diskriminazzjoni hija biss wieħed mill-fatturi li jinfluwenzaw persuna biex tiddeċiedi li tiċċaqlaq, l-effett tagħha fuq il-funzjonament tas-Suq Uniku se jkun pożittiv, peress li l-mobbiltà tista' taqdi rwol fit-tkabbir ekonomiku.

7.1. Għażla 1: Xenarju Bażi

L-impatt soċjali

Il-problemi identifikati u l-ixpruni se jibqgħu ma jiġux indirizzati. Din ma tinvolvi l-ebda bidla sinifikanti fl-imġiba tal-awtoritajiet nazzjonali u tal-impjegaturi. Ma jkun hemm l-ebda impatti sostanzjali fuq l-għarfien dwar id-drittijiet u ċ-ċertezza legali. Barra minn hekk, jekk jinżamm l-istatus quo jkun ifisser li ma jkun konsolidat l-ebda appoġġ jew protezzjoni minina fil-livell ta' UE għall-ħaddiema migranti. Dan jibqa' jolqot ħażin lill-individwi li jiċċaqalqu

għal skopijiet ta' impjieg, u l-kapaċità tal-ħaddiema migranti tal-UE biex jieħdu sehem sħiħ fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà tal-Istat Membru ospitanti tibqa' tinżamm limitata.

L-impatt ekonomiku

Ma ġew identifikati l-ebda spejjeż ta' implimentazzjoni.

7.2. Għażla 2: Dokumenti ta' gwida komuni

L-impatt soċjali

L-adozzjoni ta' gwida tkun tinvolvi interpretazzjoni komuni tar-regoli attwali tal-UE bil-għan tal-implimentazzjoni prattika tagħhom mill-amministrazzjonijiet nazzjonali. Għalhekk, din tgħin biex tiżdied iċ-ċertezza legali u biex jonqsu d-diskrepanzi fl-implimentazzjoni. Din tista' twassal ukoll biex jonqsu l-każijiet ta' diskriminazzjoni.

Il-gwida se tgħin ukoll biex titqajjem kuxjenza fost l-awtoritajiet nazzjonali dwar id-drittijiet marbuta mal-moviment liberu tal-ħaddiema, iżda dan jiddependi mill-pubbliċità u t-tixrid li jagħmel kull Stat Membru.

Il-gwida se tiffoka fuq kwistjonijiet ta' interpretazzjoni tal-liġi tal-UE iżda ma jkunx fiha miżuri speċifiċi li jgħinu u jappoġġaw lill-ħaddiema. Għalhekk, minkejja li din tista' ġġiegħel lill-ħaddiema jużaw bis-sħiħ id-drittijiet tagħhom minħabba aktar ċertezza legali, din mhux se tgħinhom jinfurzaw dawn id-drittijiet meta jinqalgħu l-problemi.

Għaldaqstant l-impatt soċjali ġenerali tagħha jkun pożittiv iżda limitat.

L-impatt ekonomiku

Din l-għażla taf tinvolvi xi spejjeż għall-implimentazzjoni marbuta mal-pubblikazzjoni u t-tqassim tal-gwida, inklużi spejjeż għat-traduzzjoni. L-ispejjeż se jkunu jiddependu fuq l-isforzi speċifiċi li jagħmlu l-Istati Membri f'dan ir-rigward.

Din l-għażla tista' tnaqqas il-livell ta' applikazzjoni skorretta tal-liġi tal-UE minn amministrazzjonijiet nazzjonali iżda mhux se tkun rilevanti għal firxa usa' ta' partijiet interessati u allura jaf ikollha impatt limitat fuq l-għadd ta' lmenti u proċeduri tal-qorti.

Għall-intrapriżi ma ġew identifikati l-ebda spejjeż ta' implimentazzjoni.

7.3. Għażla 3: Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istati Membri

L-impatti ta' din l-għażla potenzjalment jistgħu jkunu l-istess bħal tal-għażla politika 4 peress li se jiġu indirizzati l-istess kwistjonijiet. Id-differenza bejn l-għażliet u għalhekk bejn l-impatti korrispondenti tagħhom hija fin-natura vinkolanti jew mhux vinkolanti tagħhom.

L-impatt soċjali

Ir-rakkomandazzjoni għandha tagħti lill-kwistjoni ċerta viżibbiltà li tista' ttejjeb l-għarfien tad-drittijiet fost iċ-ċittadini, il-partijiet interessati rilevanti u l-awtoritajiet nazzjonali. Din tista' żżid l-involviment tal-awtoritajiet nazzjonali biex jonqsu d-diskrepanzi fl-implimentazzjoni u tgħin biex jissaħħu l-mekkaniżmi disponibbli tal-appoġġ u l-għajnuna għall-ħaddiema migranti tal-UE.

Ir-rakkomandazzjoni ma timponi l-ebda obbligu fuq l-Istati Membri. Jekk jitqiesu l-perċezzjonijiet u l-azzjonijiet differenti fil-qasam tal-moviment liberu tal-ħaddiema u d-drittijiet tagħhom, hemm riskju ta' diversità akbar fil-mod kif jiġu indirizzati l-problemi fl-Istati Membri.

Għaldaqstant l-impatt soċjali jista' jkun pożittiv iżda jiddependi fuq il-grad tal-implimentazzjoni f'kull Stat Membru, u żieda fid-diversità tista' tnaqqas il-vantaġġi.

L-impatt ekonomiku

L-impatti inklużi l-ispejjeż se jkunu jiddependu fuq l-azzjonijiet speċifiċi li jieħdu l-Istati Membri.

7.4. Għażla 4: Direttiva li tintroduċi miżuri ta' appoġġ għall-ħaddiema migranti tal-UE

L-impatt soċjali

Li l-mezzi ta' rimedju jingħaqdu speċifikament ma' kwistjonijiet ta' diskriminazzjoni abbażi ta' nazzjonalità għandu jżid il-livell ta' ċertezza legali, peress li ċ-ċittadini jkunu żguri li hemm proċeduri speċifiċi disponibbli għalihom irrispettivament lejn liema Stat Membru jiddeċiedu li jiċċaqilqu u jaħdmu fih.

Jekk tiġi indirizzata n-nazzjonalità bħala raġuni għad-diskriminazzjoni permezz ta' korpi speċjalizzati, mingħajr ma ssir il-protezzjoni kontra dan it-tip ta' diskriminazzjoni dipendenti fuq interpretazzjonijiet ġenerużi tal-liġi applikabbli f'oqsma oħra, tiżdied iċ-ċertezza legali.

L-isforzi tal-korpi ta' appoġġ (stħarriġiet, rapporti, rakkomandazzjonijiet) tgħin biex jiżdied l-għarfien u biex jispiċċaw il-liġijiet u l-prattiki diskriminatorji. Lill-ħaddiema migranti tal-UE jagħtuhom pariri u assistenza, u daqstant ieħor huwa mistenni li dawn iħeġġu lil dawn il-ħaddiema biex jasserixxu d-drittijiet tagħhom. It-twaqqif ta' korpi simili mal-Unjoni Ewropea kollha jiżguraw li ċ-ċittadini jkun jista' jkollhom aċċess għal appoġġ u informazzjoni f'kull Stat Membru. Il-fatt li l-assoċjazzjonijiet u l-organizzazzjonijiet jistgħu jieħdu azzjoni legali, huwa inċentiv ieħor għall-ħaddiema migranti tal-UE biex jasserixxu d-drittijiet tagħhom.

Il-korpi ta' appoġġ se jkunu jistgħu jgħinu lil intrapriżi u trade unions meta jkollhom bżonn parir dwar mistoqsijiet speċifiċi relatati mad-drittijiet tal-ħaddiema migranti. Jekk l-assoċjazzjonijiet u l-organizzazzjonijiet ikollhom dispożizzjoni li jieħdu azzjoni legali, jiżdied l-għadd ta' partijiet interessati involuti fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni abbażi ta' nazzjonalità.

B'mod ġenerali, l-impatt soċjali se jkun pożittiv peress li għandha tonqos id-diskriminazzjoni abbażi ta' nazzjonalità.

L-impatt ekonomiku

It-twaqqif ta' korpi ta' appoġġ ikun jinvolvi spejjeż ta' implimentazzjoni għall-awtoritajiet nazzjonali. Madankollu, peress li huwa f'idejn l-Istati Membri biex jaħtru l-korpi konċernati, l-ispejjeż proprji se jvarjaw skont jekk hix se tinħoloq struttura ġdida jew jekk il-kompiti l-ġodda humiex se jingħataw lil korpi diġà eżistenti. Bħalissa s-27 Stat Membru kollha għandhom strutturi speċifiċi li jittrattaw diskriminazzjoni ta' raġunijiet oħra; għaldaqstant jekk dawn jiddeċiedu li jagħtuhom il-kompitu li jiġġieldu d-diskriminazzjoni abbażi ta' nazzjonalità, l-ispejjeż tal-implimentazzjoni jkunu limitati għat-twessigħ tar-rwol tagħhom.

Il-miżuri proposti huma mistennija jkollhom effett preventiv u jnaqqsu l-ħtieġa li jiddependu fuq il-proċeduri tal-qorti biex jissolva tilwim, kif jidher li huwa l-każ f'pajjiżi fejn diġà jeżistu korpi ta' appoġġ li jieħdu ħsieb diskriminazzjoni abbażi ta' nazzjonalità.

Filwaqt ma ġew identifikati l-ebda spejjeż ta' implimentazzjoni għall-intrapriżi, din l-għażla tinvolvi xi spejjeż għall-assoċjazzjonijiet u l-organizzazzjonijiet li se jkunu jistgħu jieħdu azzjoni legali, peress li se jkollhom iħallsu l-ispejjeż relatati mal-proċeduri legali.

7.5. Għażla 5: Direttiva li tintroduċi protezzjoni aħjar għall-ħaddiema migranti tal-UE

Id-dispożizzjonijiet li jiġu adottati b'din l-għażla politika, minbarra dawk previsti bl-għażla politika 4, jimponu wkoll xi obbligi fuq l-impjegaturi.

L-impatt soċjali

Miżuri attivi biex jipprevjenu d-diskriminazzjoni jkunu applikabbli direttament fil-kuntest rilevanti, jiġifieri fuq il-post tax-xogħol. Dan ifisser li se jkun hemm ċertezza li l-informazzjoni tasal għand id-destinatarji tagħha. Is-sanzjonijiet u l-kumpens lill-vittmi għandhom iżidu wkoll iċ-ċertezza legali peress li jinħoloq sett ta' drittijiet u obbligi.

L-obbligu tal-informazzjoni u/jew miżuri attivi biex jipprevjenu d-diskriminazzjoni jagħmlu t-trattament ugwali bħala parti mill-politika tar-riżorsi umani tal-kumpaniji, u għalhekk titqajjem kuxjenza dwar id-drittijiet applikabbli fost il-ħaddiema nazzjonali u l-intraprendituri u anke s-sensittività tal-kwistjoni.

Il-miżuri għall-prevenzjoni tad-diskriminazzjoni huma min-natura tagħhom maħsuba biex jgħaddu mingħajr il-prattiki diskriminatorji. It-theddida li jiġu imposti sanzjonijiet tista' sservi ta' deterrent għall-impjegaturi milli jaġixxu b'mod diskriminatorju.

L-introduzzjoni ta' dispożizzjonijiet dwar il-vittimizzazzjoni ssaħħaħ il-pożizzjoni ta' ħaddiema individwali u tagħmilhom aktar assertivi dwar id-drittijiet tagħhom.

Id-dispożizzjonijiet ta' din l-għażla politika jgħinu biex tonqos id-diskriminazzjoni abbażi ta' nazzjonalità permezz ta' approċċ imħallat li jinċentiva lill-ħaddiema biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom (għażla politika 4) u jintroduċi l-prevenzjoni tad-diskriminazzjoni.

Filwaqt li l-elementi maħsuba jibagħtu messaġġ importanti lis-soċjetà dwar il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, ma setax jintwera jekk fil-prattika dawn humiex se jkollhom effett sinifikanti fuq l-individwi konċernati.

L-impatt ekonomiku

L-ispejjeż tal-implimentazzjoni għall-awtoritajiet nazzjonali huma l-istess bħal dawn tal-għażla politika 4. L-għadd ta' kawżi quddiem il-qorti jista' jinbidel, iżda dan huwa inċert ħafna; u barra minn hekk, l-effetti fil-qrib u fit-tul jistgħu jkunu differenti għalkollox. Għaldaqstant, ma kienx possibbli li dan l-aspett jiddaħħal f'din l-analiżi.

Din l-għażla politika tinvolvi spejjeż ta' konformità għall-impjegaturi, li jikkonsistu l-aktar f'sigħat ta' xogħol assoċjat mat-teħid ta' miżuri attivi, pereżempju għall-faċilitajiet u l-attivitajiet tat-taħriġ. Huwa diffiċli li jingħataw stimi tajba ta' dawn l-ispejjeż peress li dawn ivarjaw skont il-miżuri li jieħdu l-impjegaturi. Huwa mistenni li l-biċċa l-kbira tagħhom jistgħu jvarjaw skont id-daqs tal-intrapriża, filwaqt li komponent żgħir bi spiża fissajkun indipendenti mid-daqs tal-kumpanija.

Se jkun hemm spejjeż tal-implimentazzjoni wkoll mid-dispożizzjonijiet dwar is-sanzjonijiet/kumpens. Madankollu, sta għall-Istati Membri biex jistabbilixxu l-ammont speċifiku. Għaldaqstant l-impatti ekonomiċi u finanzjarji speċifiċi se jkunu jiddependu fuq kull Stat Membru.

8. TQABBIL TAL-GĦAŻLIET

L-għażliet tqabblu fir-rigward tal-effikaċja tagħhom li jilħqu l-għanijiet speċifiċi tal-inizjattiva, l-effiċjenza tagħhom, il-konsistenza mal-għanijiet ġenerali tal-UE u l-impatti tagħhom fuq il-partijiet interessati.

L-alternattiva preferuta hija taħlita tal-għażla 2 u l-għażla 4. Dawn huma xi ftit inqas effettivi mill-għażla politika 5 iżda huma l-aktar approċċ effiċjenti. Flimkien, dawn l-għażliet jagħtu soluzzjoni komprensiva għal kull problema speċifika identifikata mingħajr ma jinvolvu spejjeż ta' konformità eċċessivi. Dawn huma aktar konsistenti mal-għanijiet ġenerali milli hija l-għażla 5, għax din toħloq spejjeż sproporzjonati għall-kumpaniji. Dawn huma wkoll l-aktar għażliet prevedibbli fejn jidħlu l-effetti tagħhom.

9. MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI

Bosta indikaturi, kemm kwantitattivi (eż. l-għadd ta' lmenti) u kwalitattivi (eż. ir-rapporti min-netwerk ta' esperti), se jintużaw għall-finijiet ta' monitoraġġ, flimkien mar-rapporti, l-istħarriġiet u r-rakkomandazzjonijiet li jkunu għamlu l-korpi ta' appoġġ li jitwaqqfu skont din l-inizjattiva.

Sentejn wara l-iskadenza tat-traspożizzjoni, issir evalwazzjoni mill-Kummissjoni bl-għajnuna ta' esperti esterni. L-evalwazzjoni se tivvaluta:

– l-għarfien fost iċ-ċittadini u l-partijiet interessati li jeżistu l-elementi introdotti b'din id-Direttiva;

– l-attivitajiet li jagħmlu l-korpi ta' appoġġ, u r-rwol ta' organizzazzjonijiet u assoċjazzjonijiet oħrajn;

– l-aktar tipi komuni ta' diskriminazzjoni trattati u jekk din is-sitwazzjoni tkunx inbidlet meta mqabbla mal-istatus quo.

B'mod ġenerali, din l-evalwazzjoni għandha tivvaluta jekk l-elementi introdotti ġodda wasslux għal bidliet pożittivi u għandha tidentifika d-diffikultajiet affaċċjati s'issa.